# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 2 ta' Mejju 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**
**vs**
**Krystle Scerri**

**Kumpilazzjoni Nru: 598/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Krystle Scerri, ta' 30 sena, mart Malcolm u bint Raymond Scerri u Antonia xebba Agius, imwielda Pieta' fit-30 ta' Settembru 1983, residenti gewwa l-fond 'Our Lady Of Miracle', Flat 1, Triq il-Kanun, Qormi u detentrici tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 56784(M).

Akkuzata talli nhar it-03 ta' Gunju, 2014, ghall-habta tal-05:30 ta' filghaxija minn gewwa l-fond numru 5 u cioe' il-Kunvent tal-Orsolini, sitwat gewwa Triq Bordin, Pieta', ikkommettiet serq ta' flus kontanti fl-ammont ta' madwar tnejn u ghoxrin elf u hames mitt Ewro (€22,500) ghad-dannu tal-Madre Anna Bugeja maghrufa bhala Sister Lydia u/jew ta' persuna jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-persuna, bil-lok u bil-valur li jeccedi s-somma ta' elfejn  tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37).

Il-Qorti giet mitluba wkoll illi f'kaz ta' htija tqis lill-imputata bhala li saret recediva ai termini ta' l-Artikli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kienet misjuba hatja ta' sentenza moghtija lilha mill-Qorti ta' Malta, liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artiklu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputata biex tigi gudikata minn din il-Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fl-artikoli:

a) 261 (c)(d)(e), 267. 268, 269, 279(b) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-ligijeit ta' Malta; u
c) 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma nhar it-18 ta' Novembru 2015 l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijijet migjuba kontra taghha; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi. Bla dubbju hadd ma jista' jinnega li r-reat kommess mill-imputata, ta' certu gravita fih innifsu, ghandu jitqies bhala ferm aktar gravi meta wiehed iqies l-ammont derubat, minn huma l-persuni derubati u l-fatt li l-flus mehuda kienu intizi ghall-bzonnijiet tad-dar fejn jigu mrobbija tfal vulnerabbli. Il-fatt li l-

imputata kienet persuna li taghmel xoghol bhala carer f'din l-istess dar u kienet fdata mis-sorijiet li jidderiegu din id-dar jkompli jirrendi aktar gravi r-reat kommess.

Illi fir-rapport ta'l-ufficjal tal-probation[1] qed jigi suggeriet li piena idonea fil-kaz in ezami tkun ordni ta' servizz fil-kommunita flimkien ma' ordni biex l-imputata thallas lid-derubati l-ammont kollu dovut; dan l-ufficjal tal-probation irrakkomandat dan anke wara li ntervistat lid-derubati. Jidher ukoll li l-imputata qed tirikonoxxi l-izball li ghamlet u diga rrifondiet parti mis-somma derubata u l-bilanc dovut llum huwa ta' ghaxart elef, tlett mija u ghoxrin euro €10,320), liema bilanc hija disposta li thallas.

Illi fil-fehma tal-Qorti dan huwa fattur importanti hafna fil-kunsiderazzjonijiet taghha dwar x'piena ghandha tigi erogata u dan ghaliex il-Qorti trid tassigura l-ewwel u qabel kollox li l-imputata thallas lura l-ammont li hija serqet. Jekk il-Qorti timponi piena karcerarja effettiva l-imputat titlef l-impjieg attwali taghha u zgur li ma jkollhiex minn fejn thallas lid-derubati. Tenut kont ta' dan, tenut kont li sentenza sospiza hija eskluza minhabba li l-imputata hija recidiva, u tenut kont ukoll (min-naha l-ohra) li l-fedina penali ta' l-imputata hija kwazi netta[2] l-Qorti ser tilqa' r-rakkomandazzjoni ta' l-ufficjal tal-probation u tpoggi lill-imputata taht ordni ta' probation u servizz fil-komunita ghall-itwal zmien permess mill-Ligi b'ordni li l-bilanc dovut jithallas fi zmien erbgha (4) xhur.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(c)(d)(e), 267, 268 u 269 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni issib lill-imputata hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u b'applikazzjoni ta' l-artikoli 7, 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tpoggi lill-imputata taht **ordni ta' probation u servizz fil-kommunita ghal perjodu ta' tlett (3) snin b'obbligu li taghmel mitejn (200) siegha servizz fil-kommunita,** dan bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghtija kontestwalment inkluz dak **li fi zmien erbgha (4) xhur thallas lid-derubati s-somma ta' ghaxart elef, tlett mija u ghoxrin ewro (€10,320).** In oltre u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 qed tordna lill-imputata biex **fi zmien sitt (6) xhur thallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta'**

[1] Il-presentencing report redatt fuq talba ta'l-imputata wara li ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha.
2. Hija ghandna kundanna wahda ohra dwar regoli tat-traffiku.

**hames mija, tnejn u tmenin ewro u hdax il-centezmu (€582.11),** rapprezentanti spejjez rinkorsi mal-hatra ta' esperti.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk ma toqghodx ghall-ordnijiet lilha moghtija u jekk tikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin.

Il-Qorti qed tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficcju tal-Probation.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**